*Maltese*

# Public Libraries

**Merħba mil-librerija pubblika tiegħek!**

Il-libreriji publiċi f'NSW huma bla ħlas.

Ejja w skopri

- Kotba fuq ħafna suġġetti – arti, sport, mużika, xjenza w iktar
- Kotba biex taqra għal pjaċir, bħal novelli w stejjer tal-avventura
- Magażins, gazzetti, diski tad-DVD u s-CD
- Kotba għat-tfal
- Kotba w aktar riżorsi biex titgħallem l-Ingliż
- Aċċess tal-Internet
- Kotba f'lingwi oħrajn barra l-Ingliż għall-kbar u ż-żgħar
- Postijiet fejn tkun tista' tistudja, jew fejn tkun tista' tpoġġi u taqra.

Kotba ta' aktar minn 40 lingwa huma disponibbli mil-Librerija Statali ta' NSW għal kull librerija pubblika. Jekk ma ssibx kotba bil-lingwa tiegħek fl-ixkafef tal-librerija li tuża, għid lil-librar biex iġibgħomlok mil-Librerija Statali.

**Dan is-servizz hu bla ħlas.**

Fil-librerija lokali tiegħek inti tkun tista' ssib ukoll:

- Nies biex jgħinuk anke jekk ma jitkellmux bil-lingwa tiegħek
- Servizzi u attivitajiet varji għal nies ta' kull età.

**Ħin tal-ftuħ** fil-ġranet tax-xogħol, fil-għaxijiet u tmiem il-ġimgħa jvarjaw minn librerija għall-oħra.

**Hu faċli li tissieħeb.** Ħu xi forma ta' identifikazzjoni b'ismek u l-indirizz ta' fejn toqgħod jew taħdem bħalissa. It-tfal normalment jirrikjedu l-firma ta' ġenitur biex ikunu jistgħu jissieħbu.

**Il-libreriji pubbliċi huma għal kulħadd: int, il-familja tiegħek u ħbieb.**

Produced by the State Library of New South Wales
www.sl.nsw.gov.au 2009